

# Ħal Kirkop – Bini u Storja

Kitba ta' Josette Theuma BE&A(Hons) A&CE

**Nota Editorjali**

*Huwa fatt magħruf li Ħal Kirkop huwa raħal qadim ħafna. Minbarra l-bini kif nafuh illum, wieħed għandu jiftakar li fil-konfini tiegħu nstabu kemm il-magħruf Menħir, kif ukoll diversi katakombi Paleo-Kristjani. Dan kollu jindika li r-raħal kien abitat sa minn żmien antik. Id-djar taċ-ċentru fihom diversi stili, li jikxfu l-era ta' meta nbnew u mhux ta' b'xejn dawn id-djar ta' karattru reġgħu tant moda dan l-aħħar. Wieħed isib djar prattikament tal-fqar, iżda wkoll residenzi mill-isbaħ ta' nies għonja li kienu jiddominaw ix-xena ta' żmienhom. Hija ħasra li, sforz l-umiltà kbira ta' niesu, Ħal Kirkop u dak li joffri, mhumiex biżżejjed magħrufa mal-kumplament tal-Poplu Malti.*

Ir-Raħal ta' Ħal Kirkop jinsab fin-nofsinhar ta' Malta u li aktarx iġib l-isem tiegħu minn kunjom ta' xi familja li kellha konnessjoni mar-raħal. Lura fiż-żmien, Ħal Kirkop kien jagħmel parti minn Bir Miftuħ, sakemm fis-seklu sittax infired u fforma Parroċċa għalih li kienet ukoll tinkludi l-Imqabba u Ħal Safi, sakemm dawn ukoll iffurmaw parroċċi għalihom.

Ir-raħal aktarx li fforma bi proċess twil ta' żvilupp ta' numru żgħir ta' djar li nbnew waħda wara l-oħra f'salib it-toroq, li kien iwassal għal irħula akbar tal-madwar. Xhieda ta' dan huma l-għadd ta' toroq li jiltaqgħu f'nofs ir-raħal u li jwasslu għal dawn l-irħula. Il-ġeografija tar-raħal hi bħal dik ta' irħula oħra, b'toroq dojoq u mserrpa bi sqaqien fihom fil-qalba tar-raħal, kif ukoll toroq fil-periferija li jwasslu għall-irħula tal-madwar. Il-ftit toroq li kien hawn, kienu jwasslu għall-fetħa fil-qalba tar-raħal msejħa l-platea u għall-Knisja Parrokjali.

Uħud mill-eqdem toroq fir-raħal huma Triq il-Parroċċa, Misraħ Kirkop, Sqaq San Ġwann, Sqaq Sant' Andrija, Triq San Benedittu, Triq San Leonardu, Triq San Rokku u Triq il-Ħawħ. Aktarx li dawn it-toroq kienu jifirxu minn quddiem il-Knisja u mhux iduru magħha. Dan jidher mill-faċċati antiki tal-bini fit-toroq ta' quddiem il-Knisja, li jmorru lura għas-seklu sittax u sbatax.



Triq San Rokku

Minn quddiem il-Knisja u Triq il-Parroċċa, wieħed jasal għal Misraħ Kirkop, li hu l-misraħ ewlieni ta' Ħal Kirkop. Minnu joħorġu Triq il-Parroċċa, Sqaq San Ġwann, Sqaq Sant'Andrija, Triq San Benedittu u Triq San Rokku, li huma fost l-eqdem toroq tar-raħal. Ma' ġenb il-Knisja Parrokkjali, li tmur lura għall-era Barokka, nsibu wkoll Misraħ San Leonardu. Iżda dan żviluppa fis-seklu għoxrin meta waqgħet bomba fl-aħħar gwerra u ffurmat wesgħa, meta ġġarraf il-bini li kien hemm.

Is-sqaqien li jagħtu għal Misraħ Kirkop, huma dawk ta' Sant'Andrija u ta' San Ġwann. Fihom insibu djar mibnija qabel is-seklu tmintax b'arkittetura sempliċi, dik vernikulari Maltija. Fi Triq il-Ħawħ, li tinfed minn Triq San Leonardu, insibu bini li jmur lura għas-seklu sittax b'użu ta' ġebel kbir li aktarx kien meħud minn bini eqdem. Fi Triq San Leonardu, insibu bini li wkoll imur lura għas-seklu sittax, kemm ta' qabel u anke ta' wara l-wasla tal-Kavallieri. Insibu wkoll fdalijiet ta' linji ta' impjastru. X'aktarx li dan il-ġebel kien użat f'xi knisja biżantina jew xi dar medjevali. Fi Triq San Rokku nsibu djar f'fetħiet dojoq li kienu jsiru hekk għal ragunijiet ta' difiża li jmorru lura għas-seklu sbatax, kif ukoll djar oħra li jmorru lura għas-seklu tmintax.

F'Misraħ Kirkop insibu il-Knisja tat-Tħabbira lil Marija Verġni jew kif inhi magħrufa bħala tal-Lunzjata. Din taddotta forma rettangolari,

b'ħitan lixxi u sempliċi imma massivi u ppavimentata b'ċangatura tal-franka. Imsaqqfa b'sistema ta' arkati nofs tond li jagħtu sapport lix-xriek imserrħa fuqhom. L-arkati maqtugħin mill-ħitan bi gwarniċi bl-arkitrav ħergin 'il barra, li juru li l-Knisja nbniet f'nofs is-seklu sbatax. Jidher ukoll li l-Knisja nbniet f'dan il-perjodu mill-arti fil-ġebla li hemm mal-entraturi, kemm fuq id-daħla ewlenija kif ukoll fuq dik tal-ġenb. Din l-iskultura forma ta' anġli, ddaħħal l-element ta' arkitettura Sagra Barokka. Fi żmien din il-Knisja kienet tintuża għad-dfin ta' nies li mietu bil-pesta. Il-Knisja l-ewwel inbniet fl-1450. Ingħalqet minn Mons. Dusina fl-1575 u reġgħet infetħet fis-seklu sbatax. Quddiem id-daħla ta' din il-Knisja wieħed isib zuntier merfugħ il-fuq b'parapett, li jirrelata mal-Misraħ b'qisien mhux regolari u li fih insibu wkoll salib tal-ġebel b'pitabulu taħtu.

Dan is-salib joħodna lura għaż-żmien medjevali. Magħruf aħjar bħala s-salib tad-dejma u kien jintuża għall-għassa tal-irħula mill-furbani qabel il-wasla tal-Kavallieri. Dawn l-għassiesa kienu jagħtu l-kmand tagħhom minn taħt dan is-salib.

Kappella oħra tinsab ġewwa ċ-Ċimiterju fil-periferija tar-raħal, fi Triq San Nikola. Din il-kappella hi ddedikata lil San Nikola. F'tarf ir-raħal insibu ukoll fdalijiet tal-kappella ta' San Ġakbu li llum il-ġurnata fadal biss id-daħla tagħha. Din tixbaħ ħafna lill-kappella ta' Ħal Millieri ġewwa ż-Żurrieq.

Imferrxin mat-toroq tar-raħal insibu ukoll għadd ta' niċeċ iddedikati għall-qaddisin, l-aktar relatati mar-raħal. Fosthom insibu dawk ta' San Ġużepp, San Leonardu u Santa Marija.

F'Ħal Kirkop insibu wkoll fdalijiet prejistoriċi. Fid-Daħla tar-raħal, sewwa sew fi Triq San Pietru nsibu


Il-Knisja tal-Lunzjata

l-Menħir, li hija ġebla wieqfa taż-żmien Megalitiku. Eżemplari simili jinsabu mferrxin f'diversi lokalitajiet madwar il-Gżejjer Maltin kif ukoll madwar l-Ewropa u l-Mediterran. Jingħad li dan kien jintuża biex jiltaqgħu taħtu l-mexxejja ta' dak iż-żmien. Din il-ġebla aktarx li kienet lixxa imma maż-żmien ittieklet bl-elementi, kif ukoll ġie mqiegħed salib fuqha.

Instabu ukoll katakombi paleo-kristjani fi Triq iż-Żebbiegħ. Fih instab għadam tan-nies u fuħħar li jmur lura għas-seklu erbgħa jew ħamsa. Hawn insibu fossa ta' għamla trijangolari li twassal għal żewġt ikmamar tad-dfin, waħda permezz ta' erbgħa tarġiet u l-oħra minn anti-kamra fuq il-lemin.

Vella H.C.R (2008) – "Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru" Vol. 1 – Kunsill Lokali Kirkop - ISBN 99932-0-085-9
Vella H.C.R (2008) – "Ħal Kirkop u l-inħawi ta' madwaru" Vol. 2 – Kunsill Lokali Kirkop – ISBN 978-99932-0-603-3
Mercieca Simon – " Ħal Kirkop matul is-Seklu Tmintax: Ħarsa Analitika lejn Ġrajjietu"
Vella H.C.R – "Ismijiet it-Toroq ta' Ħal Kirkop"
Profs. Denis Delucca – "L-Arkitettura ta' Ġewwa u ta' Barra tal-Knejjes ta' Ħal Kirkop"
Profs. Denis Delucca – "Faċċati antiki ta' Bini f'Ħal Kirkop"
www.kirkop.gov.mt


Niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Valletta


Is-Salib tad-Dejma f'Misraħ Kirkop